Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-26 ta' Settembru 2023**

**Kump. Nru. 532/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Versus**

**Angelus Vella**
**(573953M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Angelus Vella,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 573953M, akkuzat talli;

1. Nhar it-22 ta' Novembru 2017 ghall-habta ta' 22.00hrs flimkien ma' persuna ohra gewwa Mike's Service Station, illi tinsab gewwa Triq il-Kbira, Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-50 Euro izda ma jeccedix il-500 Euro ghad-dannu ta' Paul Gauci u/jew persuni ohra.

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq ta' fuel liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur, qligh li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Paul Gauci u/jew persuni ohra.

3. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkustanzi flimkien ma' persuna ohra bi hsara ta' haddiehor, ghamel qligh iehor b'qerq, liema qliegh b'qerq ma jaqbizx il-500 Euro ghad-dannu ta' Paul Gauci u/jew persuni ohra.

4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll nhar is-26 ta' Novembru 2017 ghall-habta tat-3:15hrs gewwa Rahal u f'dawn il-gzejjer kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras, LL.D.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Angelus Vella u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma imposta fuqu bhala garanzija personali imposta mill-istess Qorti tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tas-27 t'April 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikoli 7, 8, 31, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 270, 278(3), 279(a), 281(a), 289, 308, 309 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lill-imputat hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u qed **tikkundannah ghal tlett snin (3) prigunerijja effettiva.**

Ai termini ta' l-**Artikolu 579(2)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna illi l-ammont ta' **tlett elef Euro (€3,000)** bhala depozitu u parti mill-garanzija personali ta' l-imputat, fid-digriet datat 6 ta' Novembru 2014[1] (Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras) jigi kkonfiskat u jghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**

[1] Fol. 37